MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru 122/2014

Il-Pulizija

(Spettur Luke Bonello)

vs

Ahmad Asaf Basel

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ idetita’ numru 77747(A); akkuzat talli:

Nhar l-14 ta’ Ottubru 2013 ghall-habta ta’ bejn id-9.00am u 10.35am gewwa Sqaq Ciantar, San Giljan, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment ta’ Brian De Giorgio fejn l-ammont tal-hsara hija izjed minn elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (1164.69 Euro) u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti  mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Brian De Giorgio u l-famlja tieghu ai termini ta' l-Artikolu 383  et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Fuq l-iskorta tal-ammisjoni volontarja u inkundizzjonata tal-imputat, rat l-Artikolu 325 (a) tal-Kap 9 u l-Artikolu 24 tal-Kap 446. Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum u tordnalu ihallas fl-istess zmien lill-parti leza s-somma ta' €1400.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------